MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 535/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Ali Muftah**

**Omissis**

**Faraj Mohammed Faraj Rakik**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’:

**Ali Muftah** ta' 23 sena, bin Sasi u Hania Mohammed nee' Salem, imwieled Libja fit-18 t' Awwissu, 1991, residenti Hal-Far Open Centre limiti ta' Birzebugia u detentur ta' dokument ta' Kummissjoni Refugjati nru. 17238/14;

Omissis; u

**Faraj Mohamed Faraj Rakik** ta' 29 sena, bin Sasi u Hania Mohammed nee' Salem, imwieled Libja fit-18 t' Awwissu, 1991, residenti Hal-Far Open Centre limiti ta' Birzebugia u detentur ta' dokument ta' Kummissjoni Refugjati nru. 17238/14;

Akkuzati talli fl-1 ta' Gunju, 2014 ghall-habta tas-1:15am f' Paceville, limiti ta' San Giljan:

1. Ikkommettew serq ta' kartiera kontenenti dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Davide Velluti u/jew xi persuna/i ohra.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li huma ammettew fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 262(1)(b), 270, 276, 277(a) u tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa u tikkundannahom tnax (12) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tliet snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------